**24 ta' Novembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauċi, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Maestro Giuseppe Camilleri

*versus*

Joseph Bezzina

**Appell — Board tal-Kera — Risposta — Verbal tar-Reġistratur — Art. 227(2) (3) tal-Kap. 15 — Art. 25(2) tal-Kap. 109.**

*L-appell mis-sentenzi tal-Board tal-Kera lill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina jsir b'rikors. Ebda skrittura oħra ma tinsab preskritta, a differenza ta' appelli mid-digrieti interlokutorji, fejn il-liġi tippreskrivi mhux biss ir-rikors għall-appellant, imma anki r-risposta għall-appel-*

*lat, u tippreskrivi formalitajiet li ma humiex applikabbli għar-rikors tal-appell mis-sentenzi tal-Board tal-Kera. Ma hemm ebda dispożizzjoni fil-Liġi tal-Kera li bis-saħħa tagħha tista' tiġi ritenuta applikabbli l-proċedura tar-risposta.*

*Huwa veru li fil-prattika ġeneralment qegħda tiġi preżentata risposta għar-rikors tal-appell mis-sentenzi tal-Board tal-Kera; u huwa wkoll veru li, meta tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità tas-sentenza tal-Board tal-Kera, il-Qorti tordna li din l-eċċezzjoni tingħata b'nota bil-miktub; iżda dan ma jfisserx illi dik in-nota hija rekwiżit "sine qua non" tal-eċċezzjoni; u biex jibqa' mfaqqar li dik l-eċċezzjoni ġiet sollevata, hu biżżejjed anki verbal tar-Reġistratur. Li hu "maġister notarius", li l-verbal tiegħu hu att indubbjament adegwat anki għal eċċezzjoni formali.*

*Għaldaqstant, mhix attendibbli d-deduzzjoni tal-appellant fis-sens illi, għax l-appellat ma ppreżentax risposta għar-rikors tal-appell, allura ma jistax jagħti l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità b'verbal tar-Reġistratur jew xort'oħra.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmi Maestro Giuseppe Camilleri, li bih espona illi b'rikors preżentat quddiem il-Board li Jirregola l-Kera fiż-17 ta' Frar 1956 l-esponent talab li jiġi stabbilit il-kera xieraq għall-appartament nru. 10 Camilleri Flats, numru 60 Carmel Street, Sliema, li huwa bini ġdid skond il-liġi; illi l-Board li Jirregola l-Kera, b'sentenza tas-26 ta' Jannar 1957, stabbilixxa l-kera tal-fond fuq indikat bħala "old house" fl-ammont ta' £22, rata attwali, u kkundanna lill-esponent iħallas l-ispejjeż tal-proċediment; illi l-esponent ħass ruħu aggravat b'dik is-sentenza, u għalhekk appella ruħu lil din l-Onorabbli Qorti, u b'sentenza tal-4 ta' Diċembru 1957 l-appell ġie milqugħ, fis-sens li l-fond għandu jiġi kunsidrat bħala "bini ġdid', u ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-appellat, u ordnat ir-rinviju lill-Board li Jirregola l-Kera biex il-kera jiġi stabbilit bħala għal fond ġdid; illi l-Board li Jirregola l-Kera, b'sentenza tat-23 ta' Ġunju 1958, wara li kkunsidra li mir-rapport tal-membri tekniċi tal-Board jirriżulta li l-kera xieraq hu ta' £26 fis-sena, stabbilixxa l-kera għall-fond fuq indikat għal £26, pagabbli bit-tliet xhur bil-

quddiem mill-ewwel ta' Lulju 1956, bl-ispejjeż bla taxxa; illi l-esponent ħass ruħu aggravat bl-imsemmija sentenza, u għalhekk qiegħed jappella ruħu lil din l-Onorabbli Qorti; u *talab li dik is-sentenza tat-23 ta' Ġunju 1958 tiġi rifor*mata, billi jiġi deċiż li l-kera għandu jiġi stabbilit indipendentement minn kwalunkwe ħlas tal-War Damage Commission, u bl-inklużjoni u konsiderazzjoni tal-valur tas-sit u tal-ħasil u illuminazzjoni tat-taraġ, u għalhekk minn £26 fis-sena, rata stabbilita mill-Bord bis-sentenza appellata, il-kera jiġi stabbilit għal ammont xieraq skond il-liġi għal dak li jirrigwarda "new houses" f'sens assolut, dekorribbli u pagabbli kif stabbilit fis-sentenza appellata; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-intimat ma ppreżenta ebda skrittura f'din is-sedi in risposta għar-rikors tal-appellant. Iżda fl-ewwel udjenza deher id-difensur tiegħu, u eċċepixxa n-nullità tal-appell fuq il-motiv li ma hemm ebda punt ta' liġi nvolut. Din id-deduzzjoni ġiet verbalizzata. Id-difensur tal-appellant oppona ruħu għall-eċċezzjoni, fuq il-motiv li sa issa l-prattika dejjem kienet li eċċezzjoni simili tingħata bil-miktub (ara verbal reġistrat fl-udjenza). Hu kompla jispjega li, peress li l-intimat ma kienx ippreżenta ebda skrittura in risposta, għalhekk l-istess intimat ma setgħax lanqas jippreżenta nota bl-eċċezzjoni fuq imsemmija, u konsegwentement, in sostanza, ma setgħax jagħti l-eċċezzjoni, li, kompla jargumenta, soltu tingħata bil-miktub;

Trattat dan l-inċident;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 25(2) Kap. 109, l-appell mis-sentenzi tal-Board tal-Kera lil din il-Qorti jsir b'rikors. Ebda skrittura oħra ma tinsab preskritta, a differenza ta' appelli minn digriet interlokutorju tal-Qrati ordinarji, fejn il-liġi tip-

preskrivi mhux biss ir-rikors għall-appellant, imma anki r-risposta għall-appellat (art. 227(2) (3) Kap. 15), u tippreskrivi formalitajiet oħra li ma humiex applikabbli għar-rikors tal-appell mis-sentenzi tal-Board tal-Kera (Vol. XXXIV-I-165). Ma hemm ebda dispożizzjoni fil-liġi speċjali (Kap. 109) li bis-saħħa tagħha tista' tiġi ritenuta applikabbli l-proċedura tar-risposta; għaliex l-art. 21, in kwantu jsemmi l-liġijiet proċedurali, jirriferixxi għas-setgħat tal-Board; u l-art. 36 u 37, in kwantu anki huma jsemmu dawk il-liġijiet, jirrigwardaw il-lingwa tal-proċeduri u l-patroċinju gratuwitu rispettivament;

Id-difensur tal-appellant iċċita l-art. 145 Kap. 15; iżda dan l-artikolu jirriferixxi għall-proċeduri b'petizzjoni, li ma hux il-każ. Lanqas hu l-każ li wieħed jikkunsidra l-effett tal-art. 152 "idem", għaliex fil-każ preżenti ma kien hemm ebda skrittura preskritta lill-appellat;

Huwa veru li fil-prattika anki f'dawn il-każijiet ġeneralment qegħdha tiġi preżentata risposta; imma dan isir tant biex il-kwistjonijiet bejn il-partijiet ikunu mill-ewwel kjariti, kif ukoll biex tiġi aġevolata t-tassazzjoni tad-drittijiet tad-difensuri partikulari. Minbarra hekk, hu wkoll veru li ġeneralment il-Qorti, meta tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, tordna li din tingħata b'nota bil-miktub. Dan, però ma jfisserx li dik in-nota hija rekwiżit "sine qua non" tal-eċċezzjoni, imma biss li hu spedjenti li jkun hemm tifkira tagħha fil-proċess; liema tifkira tista' tirriżulta "aliunde", u senjatament minn verbal tal-Qorti. Li l-parti tikteb nota minflok isir verbal, hi kwistjoni biss ta' konvenjenza proċedurali, anki biex ir-reġistru tal-"prime note" ma jiġix eċċessivament karikat;

Issemma wkoll, fit-trattazzjoni, li l-appellat kien kontumaċi in prima istanza. Apparti l-konsiderazzjoni tal-effetti tal-kontumaċja għall-finijiet tal-appell, ma hux eżatt li jingħad li hu kien kontumaċi; għaliex bir-risposta tiegħu quddiem il-Board fol. 2 l-intimat ma baqax kontumaċi, u dan l-istat ta' kontestazzjoni espressa inizjali baqa' jissussisti, anki jekk mir-rijappuntament tal-kawża wara l-proċeduri preċedenti tal-appell (fol. 51) hu ma jidhirx li ppreżenta xi skrittura; għax il-kawża baqgħet dejjem waħda;

Ma hemmx bżonn jiġi rilevat li verbal tar-Reġistratur, li hu "Magister Notarius", hu att indubbjament adegwat anki għall-eċċezzjoni formali (Kollez. Vol. X, p. 87; XXIV-II-31);

Għalhekk tiddirimi l-inċident billi tiddikjara inattendibbli l-oppożizzjoni għall-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, u tordna li titkompla t-trattazzjoni;

L-ispejjeż tal-inċident jibqgħu fuq l-appellant.